# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **1 TA' LULJU 2018**

**Fr Luke Cutajar**

Nifirħu u nitolbu għal Fr Luke Cutajar f'għeluq ir-raba' sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu. Nirringrazzjawh tas-servizz tiegħu li jagħti fil-Parroċċa tagħna.

**L-Ewwel Quddiesa ta' Patri Kurt Mizzi O.Carm fil-Parroċċa tagħna**

It-Tnejn 2 ta' Lulju 2018 fis-7.00pm hija l-Ewwel Quddiesa Solenni b'radd il-ħajr lil Alla għad-don tal-Ordinazzjoni Saċerdotali ta' Patri Kurt Mizzi, O.Carm fil-Parroċċa tagħna. Inħeġġukom sabiex nattendu.

***Garage Sale***

Il-Ġimgħa 6 ta' Lulju 2018 jibda *Garage Sale* ta' għażla kbira ta' prodotti utli għad-dar fi Triq il-Qrempuċ. Aktar dettalji issibhom man-n*oticeboard* ta' fejn il-bieb il-kbir tal-knisja.

**Il-Ħames Laqgħa dwar it-Talb**

Il-Ħadd 8 ta' Lulju 2018 fl-4:30pm nistedinkom sabiex ningħaqdu flimkien fis-Sala Sant'Anna għal-ħames laqgħa dwar it-talb, bit-tema 'Il-Knisja, familja ta' min ngħixu it-Talb'. Il-kelliem tal-laqgħa huma l-Arċisqof Emeritus Mons. Pawlu Cremona O.P. Il-laqgħa tintemm fil-5:30pm. Inħeġġu lil kulħadd sabiex jattendi.

**Quddiesa bi tħejjija għall-Festa ta' Sant'Anna**

Il-Tlieta 10 ta' Lulju 2018 se ssir quddiesa bi tħejjija għall-festa ta' Sant'Anna fi Pjazza Charles Clews in-naħa tal-Gidwet. Inħeġġu lir-residenti tal-inħawi sabiex jattendu. Fis-7:00pm nibdew bit-talba tar-Rużarju, Quddiesa u wara nkomplu naqsmu l-ferħ tal-festa billi nieħdu xi ħaġa flimkien.

**Ċelebrazzjoni u Adorazzjoni bi tħejjija għall-festa fuq is-Simenta**

Il-Ġimgħa 13 ta' Lulju 2018 fit-8:00pm se ssir ċelebrazzjoni u Adorazzjoni bi tħejjija għall-festa fuq is-Simenta minn Fr Hayden Williams u l-Appostli Franġiskani.

**Magħmudija Komunitarja**

Is-Sibt 14 ta' Lulju 2018 issir il-Magħmudija bil-Quddiesa li tibda fil-5.15pm.

**Adorazzjoni għall-Qdusija tas-Saċerdoti**

Is-Sibt 14 ta' Lulju 2018 fiċ-Ċentru Pastorali San Luqa, in-Nigret, Rabat fid-9:00pm tibda quddiesa u wara adorazzjoni għall-qdusija tas-saċerdoti sal-11.00pm.

**Jum il-Familja Nisranija**

Il-Ħadd 22 ta' Lulju 2018 fil-quddiesa tad-9:15am fil-Parroċċa tagħna niċċelebraw jum il-Familja Nisranija. Mistiedna speċjali dawk li għandhom anniversarju speċjali taż-żwieġ nisrani tagħhom. Jekk jogħġobhom jidħlu fis-sagristija u jieħdu applikazzjoni li tkun lura għandna sa nhar il-Ħadd 15 ta' Lulju 2018.

**Kummissjoni Djakonija**

Il-Parroċċa tagħna bħalissa qed tgħin 62 familja permezz tal-Kummissjoni Djakonija. Min jixtieq jagħti oġġetti ta' ikel jew *preserves* jista' jħallihom fil-knisja parrokkjali. Grazzi tal-ġenerożità tagħkom.

**Fuljett 'Flimkien'**

Wasal il-fuljett *Flimkien* għax-xahar ta' Lulju 2018. Nitolbu lid-distributuri biex jiġbru l-kopji tagħhom mis-sagristija, waqt li nirringrazzjawhom tas-servizz li qed jagħtuna.

**Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali**

Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jixtieq javża li kull nhar ta' Sibt l-Uffiċini Distrettwali tiegħu tal-Belt Valletta, il-Birgu, Raħal Ġdid, Birkirkara, il-Qawra u Ħal Qormi qed ikunu miftuħa għall-pubbliku bejn it-8.00 ta' filghodu u nofsinhar. Dan is-servizz qed ikun miftuħ mhux biss għar-residenti tal-lokalitajiet imsemmija iżda wkoll għar-residenti ta' lokalitajiet oħra fil-viċin. Id-Dipartiment ifakkar li huwa importanti li kull min imur biex jinqeda jieħu miegħu l-Karta tal-Identità.